Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u sittin (67) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nzammet nhar it-Tnejn, 22 ta' April, 2024, fil-5.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 7, Triq il-Parroċċa, l-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| SKUZAT: | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |

67.01 **Qari tal-itti ta' apoloġija** — Presedenza

Is-Sur David Michael Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. Is-Sa Marion Parnis ċemplet lis-Sur Patrick Bugeja u dan qalilha illi bagħat e-mail fil-5:00pm li ma setgħax ikun magħna. L-apoloġija intlaqgħet u dan kien skuzat.

67.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru sitta u sittin (66)** — Minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija u dawn kienu proposti għall-vot mis-Sindku, is-Sur David Schembri u ssekondati mis-Sur Charles Zerafa u kienu approvati b'vot unanimu bħala korretti.

67.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi bagħat xi ħadd minn Ħal Kirkop biex nipproponu isem għal skola. Hawn, is-Sindku ppropona lil Ms Maria Abdilla. Għaldaqstant se nfittxu l-curriculum vitae tagħha li setgħet kienet sottomessa man-nomina tagħha għal Ġieħ il-Qrendi. — Ms Maria Abdilla

67.03.02 Issemmiet ukoll il-fossa ta' Wied iz-Zurrieq. Hawn intqal illi din qed toħloq spiza addizzjonali fuq il-Kunsill għaliex tkun trid titbattal spiss. Id-DSE qal illi jkun interessanti ferm illi l-proposta ta' tqabbid tad-drenaġġ mal-main sewer tkun integrata fil-programm tal-Kunsill tal-leġislatura li jmiss, minkejja li jemmen li biex isseħħ din il-ħaġa jrid ikun hemm investiment mil-Gvern Ċentrali ta' Miljuni ta' Ewro. — Fossa ta' Wied iz-Zurrieq

67.03.03 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri wera d-dizappunt tiegħu għall-kuntrattur tal-knis tat-toroq. Infatti kien deċiż li tinħareġ Default Notice lill-kuntrattur tal-knis minħabba nuqqas li kien hemm matul il-ġimgħa li għaddiet. Is-Sindku qal illi Triq Cagliares ilha ma tinkines 18-il ġurnata mil-ħmieġ tal-ħamiem, Triq Gregorio Mifsud, Triq Dun Nerik Mahoney, u wkoll dwar il-fatt li ġieli l-karretta titpoġġa fis-sit ta' wara l-Monument tal-Gwerra, ġieli anke fil-11:15am. Hawn issemmiet il-proposta li kellna mid-Dipartiment tat-Tindif Pubbliku biex l-allokazzjoni għat-tindif tingħata lilhom u jieħdu ħsieb li jnaddfu t-toroq huma stess b'aktar kenniesa. Dwar din tal-aħħar ma tteħditx deċizjoni. — Knis tat-toroq



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404, E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;

67.03.04 Is-Sur David Michael Schembri, s-Sindku, qal illi waslilna rapport minn Transport Malta li sar fil-15 ta' Marzu 2024, intitolat *Open Top Bus South Route Roadside Vegetation Survey*, dwar ir-riskju li jezisti f'pajjizna dwar siġar baxxi u veġetazzjoni folta għal fuq it-triq vis a vis l-*open top buses* jew vetturi għoljin. Kien innutat illi l-periklu indikat lilna fil-Qrendi, jappartjeni biss għas-siġar li hemm fl-inħawi tal-parkeġġ taċ-Ċentru tal-Vizitaturi ta' Ħaġar Qim u fi Triq il-Panorama. Dan kien indikat f'paġna 45, 47 u 48 ta' dan ir-rapport. Hawnhekk kien innutat illi l-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma kwalunkwe veġetazzjoni li hemm ħierġa minn siti privati u mill-istess Parkeġġ taċ-Ċentru tal-Vizitaturi peress li dan hu xi ħaġa Nazzjonali. — Open Top Bus South Route Roadside Vegetation Survey

67.03.05 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi se jkun hemm għotja ta' €500 mir-Reġjun Punent lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi li se tkun f'kotba. Dawn se jiġu investiti fil-Librerija tal-Qrendi. Għaldaqstant se naraw li dawn il-kotba jkunu magħzula mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi. Id-DSE qal illi qiegħed f'kuntatt mas-Sa Doreen Borg biex din tkun tista' tgħaddilna l-lista tal-kotba li jappellaw l-aktar għall-Qrendin. — Kotba għal-librerija

67.04.01 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Minkejja li mhix mistoqsija, is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar l-attività li saret fis-sit tal-*RMJ Horses* għat-tfal tal-iskola fejn kienet qed tirrapprezenta lill-KLQ. Hija qalet li din intlaqgħet tajjeb ħafna mit-tfal tal-iskola primarja tal-Qrendi. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi peress li kien hemm budget ta' €1,000 u s'issa il-kont tela' għal €500, se tkun ikkunsidrata attività simili għat-tfal li ma jmorrux l-iskola tal-Gvern xi darba is-Sibt biex dawn ikunu disponibbli. — Avveniment RMJ Horses

67.04.02 Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar il-pubblikazzjonijiet antiki tal-Kunsill. Hija semmiet il-ktieb *Int ta' Min Int*, il-pubblikazzjoni dwar Wied iz-Zurrieq u dik bl-isem *Caring for Paws & Claws*. Hija qalet illi dawn mhux kollha huma disponibbli fil-librerija tal-Furjana, mentri s-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi hu nizel b'sebgħin kopja u kien tagħhomlhom. Dan minkejja li ma kienux tawh *acknowledgement.* — Pubblikazzjonijiet

67.05 **Aġġornament – Serata tal-Inawgurazzjoni ta' tliet pubblikazzjonijiet ġodda** — Books Launch

Dwar is-serata li se ssir nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri informa lill-kunsillieri illi hemm *committment* mal-Kazini tal-Banda illi jagħtu servizz ta' dwal u sound waqt din l-attività u ma jieħdux aktar minn €500 kull wieħed u z-zewġ prezentaturi jieħdu €100 kull wieħed. Madankollu, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi hemm stima ta' €200 biex isiru l-uplighters li se jinkrew mill-istess kazini u li jagħtu dehra aktar pjaċevoli lil dan l-avveniment. Se jinxtraw ukoll tliet *tokens* mingħand l-*Mdina Glass* biex jingħataw lis-Sa Amy Sciberras, lill-Prof George Cassar u lill-Anthony Mangion. Madankollu se jingħataw kopja tat-tliet pubblikazzjonijiet lil kull min se jattendi għal dan il-*Books Launch.*

67.06 **Aġġornament dwar l-applikazzjoni Development Planning Fund (Sebbaħ Pajjizek)** — Patterned/ Stencilled Concrete fl-isqaqien.

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se japplika biex jottjeni fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jiksi sqaqien bil-konkos flok tarmak/asfalt. Kienu diskussi l-isqaqien fi Triq il-Kbira, peress li hemm id-diffikultà bl-ilma tax-xita, fi Sqaq Nru 4, u wkoll l-istess fi Sqaq numru 1 u 3 fi Triq Bali Guarena.

67.07 **Embellishment tal-Pjazez tal-Qrendi**

Is-Sur David Michael Schembri, is-Sindku, tkellem dwar il-ħtieġa li jsiru mil-ġdid il-Pjazza ta' quddiem il-Knisja (Triq Rokku Buhagiar) fejn qal li tkellem dwar dan mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Omar Farrugia, Misraħ Santa Marija, il-misraħ quddiem l-istatwa ta' Santu r-Rokku u Misraħ tal-Ħniena. Dwar l-ewwel sit hemm bzonn attenzjoni immedjata għaliex il-pavimentar ezistenti inqala' kollu u saru investigazzjonijiet tas-sodda tiegħu mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet biex jaraw x'hemm bzonn isir.



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404, E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;

| | | |
|---|---|---|
| 67.08 | **Aġġornament tal-Iskemi**<br>S'issa ma kellniex risposta dwar l-iskemi li applikajna għalihom kemm tal-LESA kif ukoll tad-Dipartiment Gvern Lokali. Madankollu talbuna klarifika fuq l-iskema tal-Attività Kulturali (Festival tal-Patata 2025) li weġibniha, u oħra li jrid jirrispondiha l-Perit tagħna dwar l-Iskema tal-Inkluzjoni (Uffiċċju Muniċipali ta' Triq Massabielle; il-pont, faċilitajiet sanitarji eċċ.). Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien qabel unanimament illi japplika għall-iskema SPI/SCI/02/2024 u SPI/SCI/05/2024. | Skemi tal-Kunsill |
| 67.09 | **L-offerta Pubblika tal-Finishings tal-Binja tal-Kunsill**<br>Dwar din l-offerta pubblika, id-DSE qal illi skatta z-zmien tal-appell u għaldaqstant qed isiru komunikazzjonijiet mill-e-tenders mal-kuntrattur CPI li hu mistenni li jibda' x-xogħol. Fil-jiem li ġejjin hu mistenni li jkun iffirmat il-kuntratt, wara li ssir il-Bank Guarantee u l-Insurance. | Finishings tal-Kunsill |
| 67.10 | **Aġġornament - Festival tal-Patata 2024**<br>Dwar il-Festival tal-Patata, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi jinħtieġ li nagħmlu laqgħa biex nikkonsolidaw dak kollu li kien miftiehem mas-Soċjetajiet Muzikali, l-NGO's u l-organizzatur, is-Sur Mario Camilleri, u fl-istess ħin inġeddu dak li kien diġa hemm qbil dwaru kif kien maqbul waqt il-laqgħa li kienet inzammet fl-uffiċċju diversi ġimgħat ilu. | Festival tal-Patata |
| 67.11 | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (26/2/24 – 25/3/24) u SCH 191 (Ref: AA/02)**<br>L-iskedi tal-pagamenti u dik tal-petty cash kienu approvati unanimament bil-proponent is-Sur Charles Zerafa u s-sekondant is-Sa Marion Parnis kif indikati fuq il-kopji oriġinali. | Ċedoli tal-pagamenti u l-petty cash |
| 67.12 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa intemmet fis-7:15pm u dik li jmiss se ssir nhar l-20 ta' Mejju 2024 fil-5.30pm. | Aġġornament |

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati nhar l-20 ta' Mejju 2024 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv                                        Sindku



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404, E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;